## X'għandi nkun naf dwar ix-Xarelto®?

- Ix-Xarelto® hija mediċina li tħoll id-demm, u b'hekk tipprevjeni milli jaqaddlek id-demm.
- Għandek tieħu ix-Xarelto® preċiż kif avżat mit-tabib. Sa biex tiżgura l-aħjar protezzjoni kontra l-koagulazzjoni tad-demm, qatt m'għandha tinqabeż doża.
- Qatt m'għandek twaqqaf ix-Xarelto® qabel ma tiddiskuti dan mat-tabib tiegħek, billi jista' jiżdied ir-riskju li jagħqad id-demm.
- Tkellem mal-fornitur għal-kura tas-saħħa tiegħek qabel ma tieħu xi mediċini oħra.
- Għarraf lill-fornituri għal-kura tas-saħħa tiegħek dwar ix-Xarelto® qabel kull intervent kirurġiku jew proċedura invażiva.

Bayer HealthCare

## Meta għandi nirrikorri għall-parir mingħand il-fornitur tal-kura tas-saħħa tiegħi?

Meta tieħu mediċina li tħoll id-demm, huwa importanti li tkun mgħarraf b'xi effetti sekondarji (side effects). It-tnixxija ta' demm hija fost l-iżjed effett sekondarju komuni. Tibdiex tieħu ix-Xarelto® jekk tista' tkun f'riskju anormali ta' tnixxija ta' demm qabel ma tkun iddiskutejt dan mat-tabib.

Għarraf minnufih lill-persuna li tieħu ħsieb il-kura tas-saħħa tiegħek dwar sinjali jew sintomi ta' tnixxija ta' demm bħal dawn li ġejjin:

- Uġigħ
- Nefħa, sturdament jew għeja
- Tbenġil mhux tas-soltu, tnixxija ta' demm mill-imnieħer, tnixxija ta' demm mill-ħanek, tnixxija ta' demm minn qtugħ fil-ġilda li jdum ma jieqaf
- Dmija mestrwali jew dmija mill-vaġina li jkun iżjed qawwi mis-soltu
- Awrina roża jew kanella, ippurgar aħmar jew iswed
- Sogħla bid-demm, jew remettar ta' demm jew materjal li jixbah 'it-tiħin tal-kafe'.

## Kif għandi nieħu ix-Xarelto®?

Sa biex tiżgura l-aħjar protezzjoni, ix-Xarelto® 15mg u 20mg għandhom jittieħdu mal-ikel.

## Lil min għandi ngħarraf f'każ ta' suspett ta'effett sekondarju bix-Xarelto®?

F'każ ta' suspett ta' xi effetti sekondarji bix-Xarelto®, għandek tirraporta minnufih lill- :

**Medicines Authority Post-licensing Directorate,**
**203, Level 3, Rue D'Argens,**
**Gżira GŻR 1368,**
**MALTA,**
**jew**
http://www.medicinesauthority.gov.mt/pub/adr.doc

Xarelto® rivaroxaban

# Karta tal-Pazjent

## Xarelto® 15mg
## Xarelto® 20mg



- **Żomm dan il-fuljett fil-Kartiera.**
- **Uri dan il-fuljett lil kull tabib jew dentist qabel kull trattament.**

2011-10_XRL_Patient-Alert-Card_EF_printable.indd 1

12.10.11 22:12

## Jien nuża it-trattament antikoagulattiv ta' x-Xarelto® (rivaroxaban)

Isem

Indirizz

Data tad-twelid

Piż

Tip ta' demm

Mediċini/Kundizzjonijiet

Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq: Bayer Schering Pharma, 13342 Berlin, Il-Ġermanja

## F'każ to emerġenza, jekk jogħġbok għarraf lil:

Isem it-tabib

Numru tat-telefon tat-tabib

Timbru tat-tabib

## Jekk jogħġbok għarraf ukoll lil:

Isem

Telefon

Relazzjoni

### Informazzjoni għall-fornituri tal-kura tas-saħħa

- Kejl tal-INR bħala miżura ta' attivita' antikoagulattiva ta' x-Xarelto® qatt m'għandu jintuża peress li mhix forma ta' kejl affidabbli.

2011-10_XRL_Patient-Alert-Card_EF_printable.indd 2 12.10.11 22:12